MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2011

Talba Numru. 379/2011

**Go p.l.c. – C22334**

**vs**

**Vincent Dimech**
**ID-681925(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' mitejn tnejn u disghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€292.72c), in konnessjoni ma' servizz *21445223 (AC 10136343)*.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti mehmuza u mmarkati Dok. A, li huwa prospett relattiv ghal *AC 10136343*, Dok. B, kuntratt datat 19 ta' April, 1994, u Dok. C, estratt mir-registru elettorali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, u ghalkemm deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta' mitejn tnejn u disghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€292.72c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------